# Tribunal Industrijali
# Deċiżjoni Nru.2281

**Kaz Nru: 3042/MF**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Rudolph Mifsud**

**u**

**AirMalta Plc**

***dwar: allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju***

**Chairman: Avv. Martin Fenech LL.D.,Dip.Adv.,Eur.Stud.(Bruges).**

**Illum 16 ta' Jannar, 2023**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Ir-rikorrenti permezz ta' rikors datat 5 ta' Lulju 2012 ilmenta li kien diskriminat peress li ma ingħatax il-paga ta' Ground Operations minkejja li kien jaħdem f'dan il-grad.

Kien hemm diversi Chairmen li semgħu l-każ.

**Ġabra fil-qosor tax-xhieda**

Xehed ir-rikorrenti Rudolph Mifsud fejn qal li kein jagħmel l-istess xogħol ta' flight dispatcher fejn xogħolu kien ta' koordinatur mal-ajruplani.

Xehed Edwin Gerada li kien jahdem ta' Dispatcher. Kien officer u jaf lir-rikorrenti kien fuq xogħol fil-2012 u jaf lir-rikorrenti kien jagħmel ix-xoghol bħalu.

Xehed Joseph Mifsud, li flimkien mar-rikorrenti kien jaħdem sal-2012 fl-Airmalta fejn kien officer ghal madwar 12-il sena. Ir-rikorrenti kien kwazi l-istess nurmu pero ma kienx l-istess grad kien hemm kienu jagħmlu l-istess xogħol. Kienu gradi ta' dispatcher, clerk u assistant officer.

Xehed Rudolph Mifsud bhala prodott mis-socjeta' intimata.

L-ilment beda fis-sena 2008 meta ingħata l-grad ta' assistant officer imma bħala fatt tħallas ta' assistant officer.

Xehed Edwin Gerada in kontro-ezami fejn qal li kien officer u mar jaħdem bl-istess paga li kellu u Rudolph Mifsud ma kienx Field officer kien jithallas ta' officer.

Xehed Joseph Zammit prodott mis-socjeta' intimata li kien manager tal-Ground Handling Services fejn qal bil-gurament li r-rikkorenti kien jaħdem bħala aircraft dispatcher. Kien jahdem bhala assistant officer qed jghid li sippost kien grad ta' officer. Kienu jahdmu tlett functions ir-rwol ta' officer. L-officers kienu jagħmlu tlett rwoli, Rudolph Mifsdu qatt ma għamel r-rwol ta' tliet ħadmiet.

Xehed in kontro-ezami Joseph Zammit fejn qal li kien hemm diversi gradi u ma kienx jaf il-grad tar-rikorrent. Jiftakar lir-rikorrent ma għaddiex mill-kors ta' handler. Id-deċiżjoni dak iż-żmien kien li peress lir-rikorrent kien jaħdem ta' responsabilita wieħed ma ingħatax ir-rwol ta' officer. Peter Zammit kien jagħmel zewg responsabilitajiet.

Xehed Kennith Aquiilina fejn qal li fit-2013 ma sarux korsijiet

Xehedet Miriam Zerafa li hija Senior Executive fil-Ground operations fejn ftakret li ntghazlu erba ghal officer ghax kienu l-iktar fis-seniority u Rudoph Mifsud ma kellux is-seniority u bhalu ohrajn ma intghazlux.

Xehed Joseph Zammit fejn xehed li Peter Zammit ghadu mall-air malta sal-lum

Xehed Alex Hamilton li kien jahdem fil-ground operations u kien officer in charge fejn spegja x-xoghol ta' dispatcher

**<u>Decizzjoni</u>**

It-TribunaI ihoss illi r-rikorrenti ma ppruvax il-kas tieghu skond il-Ligi. Ihoss illi peress lir-rikorrenti kien weħal mill-eżmi ma kkwalifikax għar-rwol li ghalih kien qed japplika. Ukoll kif hareġ ċar illi ma kiex jaghmel ix-xoghol ta; weight dstribuion fuq il-flight haga li hija hafna importanti

Ghaldaqstant it-tribunal qieghed jichad it-talba tarrikorrenti bl-ispejjes jiu sopportati mir-rikorrenti

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista I-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros (euros 93.00).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

**Av. Martin Fenech**
**Chairperson**

**(Vera Kopja)**

**Jordan Muscat**
**Ghas-Segretarju**